MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 22/2024 LM

**Mary Ann Francisco Jocson (Passaport Numru P5347349B)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Identità**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Mary Ann Francisco Jocson** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], fit-3 ta' April, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrenti kontra l-intimata **Identità** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], kif ġej:

> *"Therefore, after having read the relative submissions and due to the above reason, the Board rejects this appeal.*
>
> *The Board orders notification of this decision to the Principal Immigration Officer."*

## **Fatti**

2. Ir-rikorrenti hija persuna ta' nazzjonalità Filippina, li fl-4 ta' Frar, 2023, kienet issottomettiet applikazzjoni mal-intimata Identità taħt il-proċedura ta' *Single Permit, ai termini* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Ir-rikorrenti daħħlet din l-applikazzjoni sabiex tkun tista' taħdem bħala *live-in carer* ma' ċerta Jane Grech, li toqgħod Ħaż-Żebbuġ. Fl-istess perijodu li r-rikorrenti daħħlet din l-applikazzjoni tagħha, hija kienet diġà qiegħda taħdem f'Malta bħala *live-in carer* ma' Joseph Caruana, li joqgħod Ħ'Attard, u kellha *Single Permit* li jkopriha għal dan l-iskop. Fid-9 ta' Mejju, 2023, Identità ħarġet *Refusal of Single Permit Application* fil-konfront tar-rikorrrenti għaliex skont ma qalet, mid-dokumenti pprovduti mir-rikorrenti, jidher li l-pożizzjoni tagħha f'Malta kienet waħda illegali meta hija ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha, u għalhekk hija kellha tiġi kkunsidrata bħala immigranta pprojbita skont il-paragrafu (ċ) tas-sub-artikolu 5(2) tal-Kap. 217. Din id-deċiżjoni ta' rifjut li ngħatat permezz ta' ittra li ġġib id-data tad-9 ta' Mejju, 2023, intbagħtet lir-rikorrenti permezz ta' *email,* imma kien biss fil-15 ta' Mejju, 2023 li hija ħadet konjizzjoni tagħha, għaliex din l-*email* kienet marret fl-*ispam folder* tagħha, u għalhekk laħaq skada t-terminu ta' tliet ijiem ta' xogħol sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tappella mill-istess deċiżjoni. Ir-rikorrenti daħħlet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni tal-appellata fit-18 ta' Mejju, 2023, u f'dan l-appell hija spjegat li kienet ħadet

konjizzjoni tad-deċiżjoni tal-appellata biss fil-15 ta' Mejju, 2023, meta sabitha fl-*ispam folder* tagħha.

3. Fl-appell tagħha, ir-rikorrenti spjegat li fl-4 ta' Frar, 2023 hija kienet daħħlet l-applikazzjoni tagħha għal *Single Permit* sabiex tkun tista' taħdem ma' Jane Grech, u preċedentement hija kienet taħdem ma' ċertu Joseph Caruana. Qalet li sabiex setgħet tibda fl-impjieg ma' Caruana, l-intimata kienet ħarġitilha *Blue Print Permit*, ċjoé awtorizzazzjoni temporanja għax-xogħol, għaliex kienet għadha qiegħda tistenna l-eżitu ta' xi testijiet mediċi li kienet għamlet. Qalet li r-riżultati tat-testijiet mediċi tagħha inħarġu fid-29 ta' Novembru, 2022, filwaqt li l-impjieg tagħha ma' Joseph Caruana ġie tterminat fi Frar tal-2023, imma hija daħħlet applikazzjoni ġdida taħt is-*Single Procedure* in vista tal-impjieg prospettiv ma' Jane Grech. Qalet li għalhekk għandu jirriżulta li fl-4 ta' Frar, 2023, meta hija ppreżentat l-applikazzjoni tagħha għall-impjieg il-ġdid ma' Jane Grech, l-i*status* tagħha kien wieħed regolari għaliex li l-impjieg tagħha ma' Joseph Caruana kien itterminat prattikament fl-istess żmien.

4. L-intimata wieġbet billi qalet li dan l-appell ġie ippreżentat tardivament, jiġifieri wara li għadda t-terminu ta' tliet ijiem tax-xogħol stipulati fil-liġi. Spjegat li f'każ li l-Bord jiddeċiedi li dan l-appell mhuwiex *fuori termine,* anki fil-mertu hemm raġunijiet għalfejn l-applikazzjoni tar-rikorrenti ġiet rifjutata. L-intimata spjegat li fid-9 ta' Mejju, 2023 hija ħarġet ittra ta' rifjut fil-konfront tar-rikorrenti, fejn infurmatha li l-applikazzjoni tagħha kienet qiegħda tiġi rifjutata għaliex instab li s-soġġorn tagħha f'Malta mhuwiex wieħed regolari. Qalet li r-rikorrenti bdiet tiġbor id-dokumenti meħtieġa sabiex tkun tista' tissottometti applikazzjoni ġdida fl-4 ta' Frar, 2023, iżda li din l-applikazzjoni tagħha kienet

ippreżentata fit-28 ta' April, 2023, li jfisser għalhekk li r-rikorrenti daħħlet l-applikazzjoni tagħha meta diġà kienet tikser is-sub-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u dan għaliex ġie stabbilit li l-*visa* li permezz tagħha r-rikorrenti daħlet Malta kienet valida bejn is-26 ta' Mejju, 2022 u t-8 ta' Settembru, 2022, u għalhekk din l-applikazzjoni l-ġdida tagħha daħlet aktar minn seba' xhur wara l-iskadenza tal-imsemmija *visa.* Qalet li skont is-sub-regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, l-applikazzjoni tar-rikorrenti ġiet rifjutata wara li nstab li hija ma kinitx Malta legalment. L-intimata qalet li f'dak il-punt, il-pożizzjoni tar-rikorrenti setgħet tiġi regolarizzata biss mill-Prinċipal Uffiċjali tal-Immigrazzjoni

## **<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' April, 2024, il-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi rifjutat, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"1. <u>Preliminary</u>***
>
> *The Board:*
>
> *Noted that in virtue of a decision issued on 9$^{th}$ May 2023, Identità stated that appellant's single permit has been refused since it transpired that the appellant's immigration position at the time of submissions was illegal and hence the appellant was deemed to be a prohibited immigrant in terms of the Law;*
>
> *Noted the application form and letter of appeal, through legal counsel, dated 17$^{th}$ May 2023;*
>
> *Noted the appeal registered on 18$^{th}$ May 2023; and*
>
> *Noted Identità did not file a reply.*

*2.* ***Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which the Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board notes the following documents in the appellant's file:*

- *Identità's refusal letter;*
- *The application form and letter of appeal;*
- *The Board's registered receipt of the appeal;*
- *Emailed correspondence;*
- *The appellant's passport details;*
- *JobsPlus termination of employment form; and*
- *Application for residence in Malta receipt.*

*The Board declares this appeal as* ***fuori termine*** *since it has been filed beyond the time period established by law during which one may appeal against the said decision. Therefore, the Board will not go into the merits of this case, but refers to the following Court Judgment:*

***Carla Maria Parodi Iribarren vs The Directorate of Citizenship and Expatriates Affairs****, delivered by Judge Lawrence Mintoff on 26th November 2021. The Court of Appeal held that:*

"Is-subartikolu in kwistjoni jagħmilha ċara illi t-terminu ta' appell ta' tlett ijiem għandu jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni stess."

*The same was reaffirmed in the judgment* ***Dhakal Prakash vs the Director of Citizenship and Expatriates Affairs,*** *delivered by Judge Lawrence Mintoff on 16th May 2022.*

*Sub-Article 25 A (7 of Chapter 217) holds that:*

"Any appeal has to be filed in the Registry of the Board within three working days from the Decision, subject to appeal".

**L-Appell**

6. Fir-rikors tal-appell imressaq fil-11 ta' April, 2024, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Bord tat-3 ta' April, 2024, u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex ikompli bis-smigħ u jagħti deċiżjoni dwar il-mertu.

7. L-appellanta spjegat li kien biss fil-15 ta' Mejju, 2023 li hija ħadet konjizzjoni tal-ittra ta' rifjut tad-9 ta' Mejju, 2023, għaliex din l-*email* marret fl-*ispam folder* tagħha, u għalhekk laħaq skada t-terminu ta' tliet ijiem tax-xogħol sabiex tappella mid-deċiżjoni tal-intimata tad-9 ta' Mejju, 2023. Qalet li hija ppreżentat l-appell tagħha b'mod urġenti jumejn biss wara li saret taf bid-deċiżjoni fil-konfront tagħha. Qalet ukoll li mar-reġistrazzjoni tal-appell quddiem il-Bord, il-konsulent legali tagħha talabha timla l-formula biex tirreġistra l-appell, u ddaħħal l-informazzjoni u l-*contact details* tagħha, u fuq il-formula ntalbet tispeċifika f'liema data kienet irċeviet l-ittra. Qalet li hija daħħlet aktar dokumentazzjoni in sostenn tal-appell tagħha, permezz ta' żewġ ittri li ġew ippreżentati quddiem il-Bord tal-Appell tal-Immigrazzjoni fit-23 ta' Mejju, 2023 u fid-29 ta' Mejju, 2023. Qalet li l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu, qal li kien qiegħed jieħu konjizzjoni tad-diversi dokumenti ppreżentati minnha, jiġifieri l-ittra ta' rifjut, tal-applikazzjoni u l-ittra tal-appell, l-irċevuta tal-Bord għall-preżentata tal-appell; l-korrispondenza permezz tal-*email,* id-dettalji fuq il-passaport tagħha, l-formola ta' JobsPlus tat-terminazzjoni tal-impjieg, u l-applikazzjoni għar-residenza tagħha f'Malta. Imma d-deċiżjoni finali tal-Bord kienet tgħid li l-appell tar-rikorrenti ġie ppreżentat *fuori termine,* u għalhekk il-Bord ma kienx ser jidħol fil-mertu tal-każ tagħha. L-appellanta qalet li hija

ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata, u qalet li l-intimata u l-Bord applikaw il-liġi u r-regolamenti b'mod żbaljat. Qalet li l-proċedura informali ta' notifika ta' deċiżjoni amministrattiva, ma tħarisx dak li titlob il-liġi, aktar u aktar fil-każ odjern fejn lilha inħarġitilha ordni ta' tkeċċija minn Malta. Qalet li l-Bord naqas milli jinterpreta tajjeb id-data tan-notifika, u l-intimata ma mxietx mal-garanzija proċedurali skont id-Direttiva 2011/98/UE. L-appellanta qalet li hija kienet issottomettiet ma' Identità applikazzjoni sabiex taħdem bħala *live-in carer*, kif provdut fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u l-applikazzjoni tagħha ġiet miċħuda fid-9 ta' Mejju, 2023, wara li l-intimata qieset li mid-dokumenti ppreżentati mill-appellanta stess, jirriżulta li fil-ħin tal-preżentata tal-applikazzjoni, hija ma kinitx qiegħda tirrisjedi f'Malta b'mod legali, u għalhekk hija meqjusa bħala immigrant ipprojbit. L-appellanta qalet li din l-ittra tad-9 ta' Mejju, 2023 ġiet mibgħuta permezz ta' *email,* li hija sabet fl-*ispam folder* tagħha fil-15 ta' Mejju, 2023. L-appellanta qalet li r-Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jagħmilha ċara li d-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni bil-miktub. L-appellanta qalet ukoll li fl-ittra mibgħuta lilha fid-9 ta' Mejju, 2023 hemm stipulat li, "*[t]he appeal must be submitted within three (3) working days from the date of receipt of this letter ...".* L-appellanta qalet li r-Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, ma jipprovdix b'liema mezzi d-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant, u għalhekk hija ma ġietx notifikata b'mod li ma jħalli l-ebda dubju dwar meta hija rċeviet l-imsemmija deċiżjoni, u b'hekk l-intimata naqset li tħares kemm il-liġi nazzjonali, kif ukoll dik Ewropea dwar il-proċedura rikjesta, u kif imfissra fis-sub-artikolu 5(3) tad-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru, 2011. L-appellanta qalet li hemm nuqqas fil-Leġislazzjoni

Sussidjarja 217.17, għaliex minkejja li din tgħid li d-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni bil-miktub, ma tistipulax il-mod kif dan għandu jsir, għaliex m'hemm l-ebda proċedura stabbilita kif isiru n-notifiki ta' deċiżjonijiet amministrattivi, u imkien ma hemm stipulat li tali notifiki għandhom isiru bl-*email.* L-appellanta tgħid ukoll li minkejja li l-intimata għandha l-fakoltà li tistabbilixxi l-proċeduri tagħha bil-miktub, dan ma għamlitux, u għalhekk min japplika għal permess mal-intimata, m'għandu l-ebda ċertezza dwar kif u meta jista' jiġi notifikat bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu. L-appellanta qalet li skont il-prinċipju *audi alteram partem,* l-intimata għandha tassigura li d-deċiżjonijiet tagħha jiġu notifikati mingħajr ma jkun hemm l-ebda dubju dwar jekk dawn ikunux waslu għand l-applikant. L-appellanta qalet li trid issir distinzjoni wkoll bejn id-data tad-deċiżjoni, u d-data meta l-applikant ikun irċieva d-deċiżjoni.

L-appellanta fit-tieni aggravju tagħha, tgħid li l-Bord ma kienx korrett meta kkunsidra d-data tad-deċiżjoni bħala d-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-intimata, għaliex b'hekk il-Bord qiegħed jassumi u jagħmilha bħala stat ta' fatt li d-deċiżjoni ġiet notifikata validament u skont il-liġi fid-data li tidher fuq l-ittra. Tgħid li kuntrarjament għal dan, l-ittra tad-9 ta' Mejju, 2023 tistipula perijodu ta' tliet ijiem tax-xogħol mill-ġurnata li fiha l-applikant jirċievi l-ittra, u mhux tliet ijiem tax-xogħol mid-data tal-istess ittra, kif interpretaha l-Bord. L-appellanta qalet li huwa evidenti li l-Bord qiegħed jimxi ma' mera prassi meta jibgħat id-deċiżjonijiet tiegħu lill-applikanti permezz ta' *email,* u din il-prassi qiegħda toħloq biżgħa, inċertezza u tensjoni mhux biss fuq l-applikant, iżda wkoll fuq l-anzjani li jkunu qegħdin jistennew bil-ħerqa l-*placement* ta' dawn il-*live-in*

*carers.* L-appellanta qalet li huwa ċar li l-*email* tad-9 ta' Mejju, 2023 ma tistax titqies li ġiet notifikata lilha skont il-liġi, u notifika permezz ta' *email* mhijiex konformi mal-liġijiet tagħna li jirregolaw in-notifiki ta' atti legali fi proċeduri ċivili, u għalhekk l-intimata appellata naqset f'dan ir-rigward. Qalet li l-konsegwenza ta' dan kollu hija li ma jistax jingħad li l-appell tagħha kien *fuori termine,* għaliex hija ma tistax titqies li ġiet notifikata bl-ittra tad-9 ta' Mejju, 2023.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. L-appellata fir-risposta tagħha qalet li l-appell tal-appellanta huwa null u inammissibbli stante li *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, appell minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jista' jsir biss fuq punti ta' dritt *'rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III',* u li l-appellanta mhijiex persuna msemmija fit-Taqsima III, ladarba la hija ċittadina ta' Stat Membru u lanqas ma tinsab leġittimament fit-territorju ta' xi stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. L-appellata qalet li għalhekk l-appell intavolat mill-appellanta għandu jitqies li huwa null.

9. B'riferiment għall-aggravju sollevat mill-appellanta, l-appellata qalet li r-regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 jipprovdi illi:

> "Id-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni bil-miktub."

10. L-appellata qalet li mhuwiex ikkontestat li l-ittra elettronika ntbagħtet u waslet għand l-appellanta, u lanqas ma jista' jiġi kkontestat li ittra elettronika

mhijiex mezz ta' komunikazzjoni bil-miktub. Qalet li għalhekk għandu jkun ċar li l-appellata mxiet mad-dettami tal-liġi. L-appellata qalet li l-appellanta stess tikkonferma li l-ittra elettronika waslet fl-indirizz elettroniku tagħha dakinhar stess li ntbagħtet, iżda issa qiegħda tgħid li hija qratha wara, għaliex din l-*email* allegatament marret fl-*ispam folder,* iżda din l-allegazzjoni lanqas biss ġiet ippruvata minnha quddiem il-Bord. L-appellata qalet li dak li tipprovdi l-liġi huwa li hija d-data tad-deċiżjoni li għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet tal-liġi, u l-appell għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni li tkun suġġetta għal appell. L-appellata qalet li d-data tad-deċiżjoni kienet id-9 ta' Mejju, 2023, u b'hekk il-Bord ma ħa l-ebda żball fl-interpretazzjoni tad-data, u dan l-argument tal-appellanta jfalli wkoll. L-appellata qalet li għall-fini taċ-ċertezza legali, it-termini ma jistgħux jibdew jgħoddu minn meta wieħed jiddeċiedi li jiftaħ u jaqra ittra mibgħuta lilu f'indirizz elettroniku, li fil-każ odjern ġie pprovdut mill-applikanta stess fl-applikazzjoni tagħha, u din il-konsiderazzjoni żgur li kienet f'moħħ il-leġislatur meta abbozza l-liġi kif inhi. L-appellata qalet li l-indirizz elettroniku ġie pprovdut mill-appellanta stess, u għalhekk tirċevix notifika tal-ittra bil-posta jew b'mod elettroniku, huwa immaterjali għaliex it-terminu ma jibdiex jiddekorri minn meta l-persuna notifikata tkun qrat l-ittra, għaliex li kieku kellha taċċetta dan l-argument, il-Qorti tkun qiegħda taċċetta li t-terminu jibda jiddekorri minn meta l-ittra tinfetaħ u tinqara. L-appellata qalet li dan iwassal għal proċedura ta' notifika diskrezzjonali u konfużjonarja, lil hinn minn dak li tipprovdi l-liġi, u għalhekk il-Qorti m'għandhiex tagħti widen lill-appellanta dwar dan l-argument tagħha.

11. L-appellata qalet li t-termini huma perentorji u ta' ordni pubbliku, u m'għandu jkun hemm l-ebda raġuni għalfejn dawn jiġu estiżi. Qalet li kienet l-appellanta stess li qalet li rċeviet l-ittra, iżda ma qrathiex, u ladarba hawn *si tratta* ta' applikazzjoni daqstant importanti dwar il-permess *o meno* ta' persuna sabiex tibqa' tirrisjedi f'Malta, dik il-persuna għandha tkun qiegħda tistenna bi ħġarha d-deċiżjoni, u mhux tinjora l-ittri elettroniċi mibgħuta lilha fl-indirizz ipprovdut minnha stess. L-appellata qalet li lanqas ma jreġi l-argument li r-regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 mhuwiex konformi mad-Direttiva 2011/98/UE li ttraspona, li jipprovdi illi:

> "L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika d-deċiżjoni lill-applikant bil-miktub f'konformità mal-proċeduri ta' notifika mniżżla fil-liġi nazzjonali rilevanti."

12. L-appellata qalet li dan l-artikolu jidher li qiegħed iħalli lill-Istati Membri fil-libertà sabiex jiddeċiedu x'inhuma r-rekwiżiti proċedurali li għandu jkollha n-notifika, bl-uniku kriterju jkun li din trid tkun bil-miktub. Qalet li *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit,* u għalhekk filwaqt li l-appellanta targumenta li n-notifika ma kelllhiex issir b'mezz elettroniku, fil-verità kwalunkwe mezz bil-miktub jissodisfa l-kriterju tal-liġi. L-appellata qalet li hija tenuta timxi mal-liġi kif inhi, u minħabba prattiċità ma tistax tkun mistennija li tapplika miżuri proċedurali addizzjonali li mhumiex rikjesti mil-liġi għall-fini tan-notifika tad-deċiżjonijiet tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet

magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellata. B'riferiment għall-eċċezzjoni mressqa mill-appellata, li r-rikors tal-appell tal-appellanta għandu jitqies li huwa null minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ma jistax jingħad li l-appellanta ma tinsabx fit-territorju Malti b'mod leġittimu, u jrid ikun hemm l-eżitu finali tal-appell tagħha biex dik il-vertenza tiġi determinata darba għal dejjem. Għaldaqstant il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-appell, għaliex ma tistax teskludi *a priori* l-jedd tal-appellanta li tressaq l-appell tagħha.

*L-Ewwel Aggravju: [In-notifika tad-deċiżjoni]*

14. L-appellanta tgħid li fil-każ odjern, kemm l-intimata kif ukoll il-Bord applikaw ir-regolamenti b'mod żbaljat, u dan għaliex il-proċedura li ntużat sabiex hija ġiet innotifikata bid-deċiżjoni tal-intimata, kienet waħda informali. Żiedet tgħid li skont ir-Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, id-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu, bil-miktub, imma fil-każ odjern hija ġiet innotifikata permezz ta' *email* li allegatament marret fl-i*spam folder* tagħha, u għalhekk hija ma laħqitx rat din l-*email* fil-ħin. Tgħid li l-liġi ma tistipulax b'liema mod għandha ssir in-notifika, u skont il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, deċiżjoni għandha tintbagħat u tiġi nnotifikata b'mod li jiġi assigurat li din tkun waslet għand min kellu jirċeviha.

15. Il-Qorti tibda billi tosserva li s-sub-artiklu 5(3) tad-Direttiva 2011/98/UE tgħid li:

> "L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika d-deċiżjoni lill-applikant bil-miktub f'konformità mal-proċeduri ta' notifika mniżżla fil-liġi nazzjonali rilevanti."

16. L-artikolu 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 imbagħad jgħid hekk:

> "Id-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni bil-miktub."

17. Għandu jingħad però li l-appellanta kienet intalbet mill-appellata tipprovdi, fost dettalji oħra, l-indirizz tal-*email* tagħha, u għalhekk kellu jkun ċar għaliha li kien ser ikun hemm notifika, jew tentattiv ta' notifika permezz tal-posta elettronika, ladarba hija ntalbet tagħti dan l-indirizz. Għandu jingħad ukoll li l-appellanta ma ġabet l-ebda prova ta' dak li allegat, li l-*email* bid-deċiżjoni tad-9 ta' Mejju, 2023 marret fl-*ispam folder* tagħha, iżda hija tinsisti li kien biss fil-15 ta' Mejju, 2023 li qrat din l-*email*. Il-Qorti, filwaqt li tifhem id-dimensjoni umana ta' dan il-każ, tirrileva li mhux aċċettabbli li persuna li tkun qiegħda tistenna risposta mingħand awtorità pubblika, u li tkun taf bil-possibbiltà li d-deċiżjoni li qiegħda tistenna, sejra tintbagħat lilha permezz tal-posta elettronika, tonqos milli tagħmel il-verifiki kollha tagħha, anki billi kull tant ħin matul il-ġurnata, tara jekk din ir-risposta waslitx jew le. L-appellanta setgħet tagħmel il-verifiki tagħha wkoll permezz tat-*telephone* sabiex tara jekk id-deċiżjoni fil-konfront tagħha ingħatatx jew le. L-appellanta qalet li hija qrat l-*email* li tgħid li marret fl-*ispam folder* tagħha, sitt ijiem wara li ntbagħtet l-*email*, u għalhekk laħaq għadda t-terminu perentorju ta' tliet ijiem tax-xogħol li matulu kellha tappella mid-deċiżjoni.

18. Il-Qorti tqis li l-appellanta mhijiex korretta meta tinsisti li ladarba n-notifika tad-deċiżjoni saret bl-*email,* din in-notifika ma saritx kif suppost.

Ladarba l-appellanta nnifisha pprovdiet l-*email address* tagħha, flimkien ma' dettalji oħra, bħall-indirizz postali, fejn hija setgħet tiġi nnotifikata, il-preżunzjoni hija li n-notifika setgħet issir ukoll b'mod elettroniku, ladarba l-liġi tesiġi biss li n-notifika ssir bil-miktub. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti m'għandha l-ebda mod kif tassigura li huwa minnu li din l-ittra ma waslitx għand l-appellanta fil-ħin jew li din verament marret fl-i*spam folder* tagħha. Mhux aċċettabbli lanqas li d-data li fiha jiġi ippreżentat appell, tintrabat mad-data li fiha persuna taqra l-*email* b'informazzjoni jew b'deċiżjoni li tkun qiegħda tistenna mingħand awtorità pubblika. Din it-tip ta' diskrezzjoni ma tipprovdi għall-ebda ċertezza legali, u tħalli l-bieb miftuħ beraħ għall-individwu sabiex iressaq l-appell tiegħu mingħajr ma josserva t-termini perentorji prefissi mil-liġi. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Minn meta jiddekorri t-terminu li fih għandu jiġi ppreżentat l-appell]*

19. L-appellanta qalet ukoll li hija ħassitha aggravata għaliex il-Bord qies li d-data tan-notifika tagħha hija d-data meta ngħatat id-deċiżjoni. L-artikolu 25A(7) tal-Kap. 217 jipprovdi illi:

> "Kull appell għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni li tkun soġġetta għal appell."

20. Il-Qorti tqis li l-argument tal-appellanta li t-tliet ijiem tax-xogħol għall-preżentata tal-appell, għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni, ma jsib l-ebda konfort f'dak li tgħid il-liġi, u dan għaliex skont il-liġi it-tliet ijiem tax-xogħol għandhom jibdew jiddekorru mid-data tad-deċiżjoni.

B'dan it-test tal-liġi għalhekk, il-leġislatur kien qiegħed jirresponsabbilizza lill-applikant biex isegwi l-proċess li permezz tiegħu ser tingħata d-deċiżjoni, u jassigura li jkun innotifikat u infurmat bid-deċiżjoni li tingħata fil-ħin, sabiex jekk ikun hemm il-ħtieġa, isir appell minn dik id-deċiżjoni. Fil-każ odjern ma ġarax hekk, u l-appellanta ressqet l-appell tagħha tmint ijiem tax-xogħol sħaħ wara li ngħatat id-deċiżjoni fil-konfront tagħha. Dan ifisser li l-appell ġie intavolat tardivament, u għalhekk il-Bord kien korrett li ma ħa l-ebda konjizzjoni tiegħu fil-mertu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord tat-3 ta' April, 2024, fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**